



Kunsill Ewropew

Brussell, 17 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

EUCO 25/24

CO EUR 20
CONCL 5

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (17 ta' Ottubru 2024) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mal-President tal-Ukrajna.
2. Il-Kunsill Ewropew indirizza l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna fid-dimensjonijiet kollha tagħha u rrieżamina l-progress fl-appoġġ komprensiv tal-Unjoni għall-Ukrajna u l-poplu tagħha hekk kif l-Ukrajna teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża.
3. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, u jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu li jibqa' jingħata għall-indipendenza, is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Huwa jikkonferma mill-ġdid ukoll l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea li tkompli tipprovdi appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn u bl-intensità meħtieġa. Ir-Russja ma għandhiex tipprevali.
4. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ tiegħu għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u fuq id-dritt internazzjonali, f'konformità mal-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-Formula ta' Paċi Ukrena. B'segwitu għas-Summit dwar il-Paċi fl-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser ikomplu l-isforzi ta' kuntatti intensivi globali tagħhom biex jinbena l-aktar appoġġ internazzjonali wiesa' u jiġu identifikati passi 'l quddiem. Il-Kunsill Ewropew enfasizza wkoll li l-ebda inizjattiva dwar l-Ukrajna ma tista' tittieħed mingħajr l-Ukrajna. L-Unjoni Ewropea ser tibqa' involuta mill-qrib fil-kwistjoni u fl-isforzi internazzjonali konġunti ulterjuri. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-organizzazzjoni tas-Summit bejn l-Ukrajna u l-Ewropa tax-Xlokk fid-9 ta' Ottubru 2024 f'Dubrovnik.

5. Il-Kunsill Ewropew irrieżamina l-ħidma li saret fuq l-għoti ta' appoġġ militari lill-Ukrajna. Huwa jappella lill-Kunsill biex jiffinalizza malajr il-ħidma fuq il-miżuri ta' assistenza tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi li ser jinċentivaw aktar l-għoti ta' appoġġ militari lill-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jappella biex jiżdied b'mod rapidu l-appoġġ militari u biex dan jingħata aktar malajr, b'mod partikolari s-sistemi ta' difiża tal-ajru, il-munizzjon u l-missili, li huma meħtieġa b'mod urġenti biex jiġu protetti l-popolazzjoni u l-infrastruttura kritika tal-enerġija tal-Ukrajna, u jissottolinja l-importanza li jiżdied l-appoġġ għall-industrija tad-difiża tal-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll il-progress li ntlaħaq dwar l-estensjoni tal-mandat tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE, jieħu nota tal-ħidma li għaddejja dwar ir-rieżami strateġiku tagħha, u jappella lill-Kunsill biex jadotta malajr mandat aġġornat.
6. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza li jonora l-impenn meħud fis-Summit tal-G7 fil-Puglia biex flimkien mas-sħab tal-G7 jiġu pprovduti madwar EUR 45 biljun (USD 50 biljun) sa tmiem is-sena biex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet militari, baġitarji u ta' rikostruzzjoni attwali u futuri tal-Ukrajna. F'dan ir-rigward huwa jistieden lill-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni biex jiddiskutu mal-Ukrajna dwar kull wieħed minn dawk il-komponenti. Soġġett għad-dritt tal-UE, l-assi tar-Russja għandhom jibqgħu immobilizzati sakemm ir-Russja twaqqaf il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u tikkompensaha għad-dannu kkawżat minn din il-gwerra. B'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil dwar l-użu ta' dħul imprevist li jirriżulta mill-assi immobilizzati tar-Russja, filwaqt li jkompli jindirizza l-aspetti legali u finanzjarji rilevanti kollha. Huwa ser jimmira li jiżgura tqassim ġust u solidarjetà bejn is-sħab tal-G7 kif ukoll ma' dawk l-Istati Membri li huma partikolarment esposti għal riskji finanzjarji u legali.
7. L-appoġġ militari ser jingħata b'rispett sħiħ tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' ċerti Stati Membri u b'kont meħud tal-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha.

8. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-bumbardament persistenti mir-Russja tal-infrastruttura kritika tal-enerġija u ċivili tal-Ukrajna. Huwa jappoġġa l-isforzi kollha, kemm pubbliċi kif ukoll privati, biex b'urġenza tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tal-Ukrajna qabel ix-xitwa u jiġu indirizzati l-ħtiġijiet umanitarji u ta' protezzjoni ċivili immedjati tal-popolazzjoni Ukrena filwaqt li s-sistema tal-enerġija tal-Ukrajna ssir aktar reżiljenti fit-tul. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li kwalunkwe azzjoni li tipperikola s-sikurezza u s-sigurtà tal-faċilitajiet nukleari hija inaċċettabbli u jilqa' l-isforzi tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika biex tissorvelja s-sitwazzjoni u tassisti biex tinżamm is-sikurezza u s-sigurtà nukleari. F'dan il-kuntest, huwa jappella għal aktar integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-Ukrajna man-network tal-enerġija tal-Unjoni, u biex tittieħed azzjoni konkreta f'dan ir-rigward. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi r-rwol importanti li għandhom l-Istati Membri tar-reġjun ġar.
9. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-qerda tal-infrastruttura tal-portijiet u l-attakki fuq bastimenti kummerċjali. Huwa jopponi l-użu tal-ikel bħala arma, li jdgħajjef is-sigurtà globali tal-ikel, u jolqot lill-persuni vulnerabbli u lir-reġjuni l-aktar fil-bżonn.
10. Il-Kunsill Ewropew jinsab estremament imħasseb dwar rapporti ta' eżekuzzjonijiet mill-forzi Russi ta' priġunieri tal-gwerra Ukreni. Huwa jissottolinja li d-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż dwar it-trattament tal-priġunieri tal-gwerra, irid jiġi rrispettat dejjem. L-ebda reat ma jista' jibqa' mhux ikkastigat.
11. L-Unjoni Ewropea tibqa' lesta li tkompli tillimita l-kapaċità tar-Russja li tiġġieled gwerra, inkluż permezz ta' aktar sanzjonijiet u, kif mitlub u f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' April 2024, permezz ta' tariffi tal-importazzjoni fuq il-prodotti agrikoli Russi u Belarussi. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu għall-infurzar sħiħ u effettiv tas-sanzjonijiet u għal aktar miżuri biex tiġi miġġielda ċ-ċirkomvenzjoni tagħhom, inkluż permezz ta' pajjiżi terzi.

12. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-appoġġ li għadu għaddej ta' pajjiżi terzi għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u jħeġġiġhom iwaqqfu kull assistenza. Dan jinkludi mhux biss appoġġ militari dirett iżda wkoll il-forniment ta' oġġetti b'użu doppju u oġġetti sensittivi li jsostnu l-bażi industrijali militari tar-Russja. F'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, l-Unjoni Ewropea rreaġiet malajr għal din it-theddida għas-sigurtà Ewropea u globali, inkluż b'pakkett ta' miżuri restrittivi ġodda u sinifikanti kontra l-Iran, li jinkludi d-deżinjazzjoni ta' individwi u entitajiet involuti fil-programmi tal-missili ballistiċi u tad-droni tal-Iran.
13. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa, f'koordinazzjoni mas-sħab internazzjonali, ir-reparazzjoni, l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Il-Konferenza li jmiss dwar l-Irkupru tal-Ukrajna ser tiġi ospitata mill-Italja f'Lulju 2025.
14. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mill-qrib mal-Ukrajna u tappoġġa l-isforzi ta' riforma tagħha fil-mixja Ewropea tagħha.
15. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa l-persuni spostati minħabba din il-gwerra, kemm fl-Ukrajna kif ukoll fl-Unjoni Ewropea, inkluż permezz ta' assistenza finanzjarja adegwata u flessibbli lill-Istati Membri li jgħorru l-akbar piż tal-kostijiet mediċi, tal-edukazzjoni u tal-ġhajxien tar-refuġjati.

II. LVANT NOFSANI

16. Il-Kunsill Ewropew huwa allarmat ferm bl-eskalazzjoni militari drammatika fil-Lvant Nofsani u r-riskju li din tirrappreżenta għar-reġjun kollu. Huwa jappella lill-partijiet kollha biex jeżerċitaw l-akbar trażżin, itemmu l-ostilitajiet kollha minnufih u jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali. L-Unjoni Ewropea hija impenjata bis-sħiħ li tgħin biex tikkalma s-sitwazzjoni u jitnaqqsu t-tensjonijiet.

17. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tkompli tipprovdi l-assistenza tagħha bbażata fuq il-ħtiġijiet lin-nies fil-Lvant Nofsani b'attenzjoni partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli, filwaqt li żżid l-involvement umanitarju tagħha minħabba l-ħtiġijiet li qed jżiedu.
18. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-attakki Iranjani fuq Iżrael fl-1 ta' Ottubru 2024 u l-azzjonijiet serjament destabbilizzanti tal-Iran fil-Lvant Nofsani kollu permezz ta' gruppi terroristiċi u armati – fosthom il-Houthi, il-Hezbollah, u l-Hamas – li jikkostitwixxu theddida serja għall-istabbiltà reġjonali. Huwa jtenni d-dritt ta' Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu u l-impenn tal-Unjoni Ewropea għas-sigurtà ta' Iżrael u għall-istabbiltà reġjonali. Id-dritt umanitarju internazzjonali għandu jiġi rrispettat mill-partijiet kollha u ċ-ċiklu perikoluż ta' attacchi u ritaljazzjonijiet għandu jintemm.
19. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar l-eskalazzjoni militari fil-Libanu, u jiddeplora l-għadd inaċċettabbli ta' vittmi ċivili, l-ispostament furzat ikkawżat mill-vjolenza li qed tiżdied u l-użu ta' forza sproporzjonata. Huwa jfakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat li l-popolazzjoni ċivili tkun protetta f'kull mument, li l-infrastruttura ċivili ma tkunx fil-mira u li d-dritt internazzjonali jiġi rrispettat. L-attakki bir-rokits mill-Hezbollah iridu jieqfu. Is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Libanu għandhom jiġu rrispettati. Il-Kunsill Ewropew jappella għal waqfien mill-ġlied immedjat fil-Linja Blu u għal implimentazzjoni sħiħa u simetrika tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Jappella wkoll lis-sħab kollha biex jirrispondu għall-kriżi umanitarja li qed tikber fil-Libanu. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ lill-persuni affettwati, inkluż ir-refuġjati, il-persuni spostati f'pajjiżhom u l-komunitajiet ospitanti. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jinkisbu kundizzjonijiet għal ritorni sikuri, volontarji u dinjitużi tar-refuġjati Sirjani, kif definit mill-UNHCR. Huwa jtenni l-appoġġ qawwi tal-Unjoni għall-istituzzjonijiet tal-istat tal-Libanu, inkluż il-Forzi Armati tal-Libanu. Il-Konferenza Internazzjonali b'Appoġġ għall-Poplu u s-Sovranità tal-Libanu li ser issir f'Pariġi fl-24 ta' Ottubru 2024 ser tikkontribwixxi għal dak l-isforz. Il-Kunsill Ewropew jappella lis-sħab kollha tal-Libanu biex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-Forzi Armati tal-Libanu u jafferma mill-ġdid ir-rieda tal-Unjoni li tiffaċilita l-koordinazzjoni internazzjonali ta' tali sforzi kif xieraq.

20. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-attakki kontra l-Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu (UNIFIL), li hallex diversi forzi taż-żamma tal-paċi midruba. Attakki bħal dawn jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali, huma totalment inaċċettabbli u jridu jieqfu immedjatament. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-atturi kollha għandhom obbligu li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal u l-proprjetà tan-NU u li jirrispettaw l-invjolabbiltà tal-bini tan-NU f'kull ħin. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa r-rwol fundamentali ta' stabbilizzazzjoni tal-UNIFIL fin-Nofsinhar tal-Libanu, u jappella lill-partijiet kollha biex jipproteġu u jappoġġaw il-missjoni importanti tal-UNIFIL. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-partijiet kollha jirrispettaw bis-sħiħ l-obbligi tagħhom biex jiggarantixxu s-sikurezza u s-sigurtà tal-persunal tal-UNIFIL f'kull mument, u biex jippermettu lill-UNIFIL tkompli timplimenta l-mandat tagħha.
21. Wara l-anniversarju traġiku tal-attakki terroristiċi brutali tal-Hamas fuq Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Ewropew jikkundanna għal darb'oħra bl-aktar mod qawwi possibbli tali atti mhux ġustifikati ta' vjolenza intenzjonata u jappoġġa l-familji tal-vittmi u l-ostaġġi meħuda mill-Hamas.
22. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gaza, il-ħelsien mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha, it-titjib urġenti tal-aċċess għall-assistenza umanitarja u d-distribuzzjoni mingħajr interruzzjoni tagħha fuq skala kbira f'Gaza kollha, u t-tmiem dejjiemi tal-ostilitajiet, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2735 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Għal dan l-għan, huwa jappoġġa l-isforzi ta' medjazzjoni tal-Eġittu, il-Qatar u l-Istati Uniti. Huwa jirrikonoxxi wkoll ir-rwol ċentrali tal-Ġordan fit-tnaqqis tat-tensjoni tal-kriżi u jenfasizza l-importanza tal-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ġordan u tal-Eġittu u l-fruntieri tagħhom. Il-Kunsill Ewropew jiddeplora l-għadd inaċċettabbli ta' vittmi ċivili, speċjalment nisa u tfal, f'Gaza u fix-Xatt tal-Punent, kif ukoll il-livelli katastrofiċi ta' ġuħ u r-riskju imminenti ta' karestija kkawżati mid-dħul insuffiċjenti ta' għajjnuna f'Gaza. Ifakkar ukoll fil-ħtieġa li jiġu implimentati bis-sħiħ l-ordnijiet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja.

23. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2024 u jikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni ulterjuri fix-Xatt tal-Punent, inkluż Ġerusalemm tal-Lvant, wara żieda fil-vjolenza tal-insedjamenti, l-espansjoni tal-insedjamenti illegali u l-operazzjoni militari ta' Iżrael. Huwa jistieden lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq aktar miżuri restrittivi kontra l-abitanti estremisti tal-insedjamenti u kontra l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet li jappoġġawhom.
24. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea għal paċi ġusta, komprensiva u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati u l-appoġġ tal-Unjoni lill-Awtorità Palestinjana biex tgħin fl-indirizzar tal-ħtiġijiet l-aktar urġenti tagħha u tappoġġa l-aġenda ta' riforma tagħha. L-Unjoni Ewropea ser tappoġġa u tikkomunika b'mod attiv mas-sħab internazzjonali dwar passi konkreti irriversibbli lejn is-soluzzjoni ta' żewġ stati, li terġa' tqajjem proċess politiku għal dan l-għan, inkluż permezz tal-organizzazzjoni malajr kemm jista' jkun ta' konferenza internazzjonali dwar il-paċi. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li perkors kredibbli għall-istatus ta' stat Palestinjan huwa komponent kruċjali ta' dak il-proċess politiku.
25. Il-Kunsill Ewropew jafferma l-appoġġ sħiħ u sod tiegħu lis-Segretarju Ġenerali tan-NU. Is-Segretarju Ġenerali tan-NU mkien ma għandu jiġi ddikjarat bħala "persona non grata". Il-Kunsill Ewropew jenfasizza r-rwol essenzjali tan-NU u l-aġenziji tagħha, b'mod partikolari l-UNRWA li tipprovdi appoġġ kruċjali lill-popolazzjoni ċivili, kemm f'Gaza kif ukoll fir-reġjun usa'. It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UNRWA hija kruċjali. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna kwalunkwe tentattiv biex jiħassar il-ftehim tal-1967 bejn Iżrael u l-UNRWA jew biex b'xi mod ieħor tiġi ostakolata l-kapaċità tagħha li twettaq il-mandat tagħha.
26. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta wkoll is-sitwazzjoni fil-Baħar l-Aħmar u appella lill-Houthi biex iwaqqaf immedjatament l-attakki kollha u jippermetti lill-attività marittima tkompli mingħajr it-theddida ta' attakk. Huwa jissottolinja l-kontribut kruċjali tal-EUNAVFOR ASPIDES u l-EUNAVFOR ATALANTA fil-promozzjoni tas-sigurtà marittima u l-libertà ta' navigazzjoni.

III. ŻGURAR TA' ORDNI INTERNAZZJONALI BBAŻATA FUQ IR-REGOLI

27. Fi żmien ta' kunflitt u tensjoni akbar, flimkien ma' xejra allarmanti fejn jiġi injorat id-dritt internazzjonali, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn sod tiegħu għal multilateraliżmu effettiv u għall-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu, filwaqt li jirrispetta b'mod kostanti l-Karta tan-NU u r-regoli u l-prinċipji minquxa fiha, inkluż dawk tas-sovranià u l-integrità territorjali, l-indipendenza politika u l-awtodeterminazzjoni.
28. Il-Kunsill Ewropew jibqa' impenjat li jtemm l-impunità u jiżgura li tintrefa' r-responsabbiltà għall-ksur tad-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali, madwar id-dinja, u jfakkar fl-importanza li jiġu appoġġati u implimentati d-deċiżjonijiet tal-qradi internazzjonali.
29. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tal-Patt għall-Futur li għandu l-għan li jsaħħaħ mill-ġdid is-sistema multilaterali, u li jagħmel lin-Nazzjonijiet Uniti adatta għall-futur.

IV. KOMPETITTIVITÀ

30. Wara l-konklużjonijiet tiegħu ta' April 2024, u f'konformità mal-Aġenda Strateġika 2024-2029, il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar sforzi biex tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni, tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika tagħha, jiġi żgurat it-tiġdid industrijali tagħha u jinkiseb il-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni kemm internament kif ukoll globalment. Huwa jenfasizza l-urġenza li tittieħed azzjoni effettiva.
31. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex, bħala kwistjoni ta' prijorità, imexxu 'l quddiem il-ħidma, partikolarment b'reazzjoni għall-isfidi identifikati fir-rapporti minn Enrico Letta ("Much more than a market") u minn Mario Draghi ("The future of European competitiveness").

32. Din il-kwistjoni ser tiġi indirizzata fil-laqgħa informali f'Budapest f'Novembru u l-Kunsill Ewropew ser ikompli jipprova għidha strateġika b'mod regolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-ftehim ambizzjuż tal-Unjoni dwar il-kompetittività.
33. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiż kif diskussi mill-Kunsill, u b'hekk jippermetti l-konklużjoni tas-Semestru Ewropew tal-2024.

V. MIGRAZZJONI

34. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika fil-fond dwar il-migrazzjoni fid-dimensjonijiet kollha tagħha u fir-rotot kollha. Huwa jfakkar li l-migrazzjoni hija sfida Ewropea li teħtieġ rispons Ewropew.
35. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex isaħħu l-ħidma fuq il-linji ta' azzjoni kollha fl-approċċ komprensiv għall-migrazzjoni deskritt fi Frar 2023. Huwa jieħu nota tal-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata tal-UE u tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti, sabiex jiġu indirizzati bl-aħjar mod l-isfidi attwali.
36. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll għal kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, permezz ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku komprensivi, biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali u jiġu miġġielda t-traffikar u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin bil-ħsieb li jiġu evitati t-telf ta' ħajjiet u t-tluq irregolari. L-allinjament tal-politika dwar il-viżi mill-pajjiżi ġirien huwa element importanti f'dan ir-rigward. Perkorsi sikuri u legali li jkunu konformi mal-kompetenzi nazzjonali huma kruċjali għall-migrazzjoni regolari u ordnata.
37. Il-Kunsill Ewropew jappella għal azzjoni determinata fil-livelli kollha biex jiġu ffaċilitati, jiżiedu u jitħaffu r-ritorni mill-Unjoni Ewropea, bl-użu tal-politiki, l-istrumenti u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, fosthom id-diplomazija, l-iżvilupp, il-kummerċ u l-viżi. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdida, bħala kwistjoni urġenti.

38. Ir-Russja u l-Belarussja, jew kwalunkwe pajjiż ieħor, ma jistgħux jitħallew jabbużaw mill-valuri tagħna, inkluż id-dritt għall-ażil, u jdgħajfu d-demokraziji tagħna. Il-Kunsill Ewropew jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-Polonja u mal-Istati Membri li qed jiffaċċaw dawn l-isfidi. Sitwazzjonijiet eċċezzjonali jeħtieġu miżuri xierqa. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fid-determinazzjoni tiegħu li jiżgura kontroll effettiv tal-fruntieri esterni tal-Unjoni bil-mezzi kollha disponibbli, inkluż bl-appoġġ tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mad-dritt tal-UE u internazzjonali. Huwa jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jiġġieled l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti għal finijiet politiċi.
39. Ma' dan, għandhom jiġu kkunsidrati modi ġodda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, f'konformità mad-dritt tal-UE u internazzjonali.
40. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza tal-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut.
41. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni.

VI. REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

42. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-appoġġ kostanti tal-Unjoni Ewropea għar-Repubblika tal-Moldova u l-perkors tal-adeżjoni tagħha. Huwa jfaħħar l-impenn konsistenti tal-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Moldova għall-proċess ta' riforma u jistedinhom ikomplu bir-riformi u jsaħħu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-pajjiż.
43. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin persistenti tar-Russja biex tipprova ddgħajjef l-elezzjonijiet demokratiċi u l-għażla tal-poplu tal-Moldova għal futur Ewropew prosperu, stabbli u paċifiku.
44. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tat-tielet pakkett ta' sanzjonijiet kontra dawk responsabbli għal azzjonijiet immirati biex jiddestabilizzaw, idgħajfu jew jheddu s-sovranià u l-indipendenza tar-Repubblika tal-Moldova. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn sod tiegħu għas-sovranià u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova.

VII. GEORGIA

45. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid ir-rieda tal-Unjoni li tappoġġa lill-poplu Georgjan fil-perkors Ewropew tiegħu. Fl-istess waqt, huwa jtenni t-tħassib serju tiegħu dwar il-pjan ta' azzjoni meħud mill-gvern tal-Georgia, li jmur kontra l-valuri u l-prinċipji li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea.
46. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li dan il-pjan ta' azzjoni jipperikola l-perkors Ewropew tal-Georgia, u de facto jwaqqaf il-proċess ta' adeżjoni. Huwa jappella lill-Georgia biex tadotta riformi demokratiċi, komprensivi u sostenibbli, f'konformità mal-prinċipji ewlenin tal-integrazzjoni Ewropea. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jissorvelja s-sitwazzjoni mill-qrib.
47. Il-Kunsill Ewropew jistenna li l-elezzjonijiet parlamentari li ġejjin ikunu ħielsa u ġusti, ikunu konformi mal-istandards internazzjonali u jkun hemm aċċess mingħajr xkiel għall-osservaturi elettorali internazzjonali u domestiċi. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li tiġi protetta l-media ħielsa, indipendenti u pluralistika.
48. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għas-sovraniżmu, l-indipendenza, u l-integrità territorjali tal-Georgia fi ħdan il-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha. Huwa jissottolinja l-impenn li jkompli għaddej tal-Unjoni Ewropea għar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u l-politika tagħha ta' nonrikonoxximent u involviment.

VIII. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Sudan

49. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni umanitarja katastrofika li qed tirriżulta mill-kunflitt fis-Sudan u jikkundanna bil-qawwa l-immirar indiskriminat u dirett tal-popolazzjoni ċivili li qed jiggrava l-kriżi umanitarja. Il-partijiet kollha għandhom jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali li jipproteġu lill-popolazzjoni ċivili u jiffaċilitaw l-aċċess umanitarju. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell urġenti tiegħu lill-partijiet kollha fil-kunflitt biex ifittxu waqfien immedjat tal-ostilitajiet, li jwassal għal riżoluzzjoni sostenibbli tal-kunflitt, permezz tad-djalogu. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ umanitarju u tappella lill-komunità internazzjonali biex tonora malajr il-wegħdiet li saru fil-Konferenza Umanitarja Internazzjonali għas-Sudan u l-pajjiżi ġirien.

Venezwela

50. Il-Kunsill Ewropew jibqa' estremament imħasseb dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem irrappurtat wara l-elezzjoni presidenzjali tat-28 ta' Lulju 2024. Huwa jhegġegħ lill-awtoritajiet Venezwelani biex jirrispettaw ir-rieda demokratika tal-poplu Venezwelan u biex itemmu l-vjolenza, ir-repressjoni u l-fastidju tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili. Il-priġunieri politiċi għandhom jinħelsu. Huma biss ir-riżultati kompluti u verifikabbli indipendentement li ser jiġu aċċettati u rikonoxxuti. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem mas-sħab reġjonali biex tappoġġa lill-poplu Venezwelan fl-aspirazzjonijiet demokratiċi tiegħu. Hija tinsab lesta li tappoġġa tranżizzjoni kostruttiva u inklużiva b'garanziji għaż-żewġ naħat, biex il-pajjiż joħroġ mill-impass politiku u jiġu restawrati l-istituzzjonijiet demokratiċi b'mod paċifiku. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li timmobilizza l-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa d-demokrazija fil-Venezwela. L-awtoritajiet Venezwelani għandhom itemmu l-akkużi bla bażi kontra l-pajjiżi tal-UE, u jirrispettaw bis-sħiħ il-Konvenzjonijiet ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u Konsulari, filwaqt li jagħtu aċċess konsulari sħiħ u mingħajr xkiel liċ-ċittadini Ewropej detenuti fil-Venezwela.

Marokk

51. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tas-sentenzi reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja relatati mal-ftehimiet tal-2019 bejn l-UE u l-Marokk. Il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill ser ikomplu jiddefinixxu l-politika barranija f'konformità mat-Trattati. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid il-valur għoli li l-Unjoni Ewropea tagħti lis-sħubija strateġika tagħha mal-Marokk u jtenni l-ħtieġa li jinżammu u jkomplu jissaħħu r-relazzjonijiet mill-qrib mal-Marokk fl-oqsma kollha tas-sħubija bejn il-Marokk u l-UE.

Haiti

52. Il-Kunsill Ewropew jibqa' estremament imħasseb dwar is-sitwazzjoni fil-Haiti. Huwa jappella għall-iskjerament sħiħ tal-Missjoni Multinazzjonali ta' Appoġġ għas-Sigurtà biex tassisti lill-Pulizija Nazzjonali tal-Haiti fil-ġlieda kontra l-vjolenza minn gruppi organizzati u tirrestawra l-istat tad-dritt. Huwa jappella wkoll għal sanzjonijiet ġodda mmirati kontra individwi u entitajiet responsabbli għall-vjolenza, bl-għan li jgħin sabiex jerġa' jkun hemm il-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Haiti.

IX. PUNTI OĦRA

Theddid ibridu

53. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-intensifikazzjoni tal-kampanja tar-Russja ta' attivitajiet ibridi mmirata lejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u s-sħab tagħha. Huwa jilqa' l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ser ikomplu jsaħħu r-reżiljenza tagħhom u jużaw bis-sħiħ is-sett ta' għodod tal-UE kontra theddid ibridu biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jirreaġixxu għall-attivitajiet ibridi tar-Russja.

Prezzijiet għoljin tal-enerġija

54. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni li rriżultat mill-prezzijiet għoljin u volatili tal-elettriku f'xi partijiet tal-Ewropa u jistieden lill-Kummissjoni tippromponi b'mod urġenti miżuri li jindirizzaw din il-kwistjoni.

Konferenzi tal-Partijiet għall-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti

55. Il-Kunsill Ewropew evalwa t-tnejn għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima f'Baku, l-Ażerbajġan (COP29), għall-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika f'Cali, il-Kolombja (COP16), u għall-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni f'Riyadh, l-Arabja Sawdija (COP16), u jappella għal azzjoni ambizzjuża fil-kuntest ta' żieda fil-ħsara u t-tfixkil minħabba t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u t-tniġġis. B'turija ta' solidarjetà globali, il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tal-Unjoni li twettaq l-għanijiet ta' finanzjament, u jappella lill-pajjiżi terzi biex jagħtu sehemhom ukoll.

Il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni

56. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-approvazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 2024 dwar is-sostenn tal-ħajja Lhudija u l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu. Huwa jtenni t-tħassib serju tiegħu dwar l-inċidenti allarmanti reċenti u jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluż l-antisemitiżmu u l-mibegħda anti-Musulmana, u l-intolleranza, ir-razziżmu u l-ksenofobija.